# *IL-POPOLAZZJONI TAL-MELLIEĦA FL-AĦĦAR SEKLU*



Il-Mellieħa, raħal imwarrab fit-tramuntana ta' Malta, għal perjodu twil fl-istorja tagħha, kienet diżabitata kważi għalkollox. Dan ġara minħabba l-attakki tal-furbani li sikwit kienu jinżlu fl-inħawi biex jisirqu lil kull min isibu. Kien fi żmien l-Ingliżi li l-popolazzjoni bdiet tiżdied bil-mod il-mod, għalkemm sal-1842, meta sar l-ewwel ċensiment fil-Mellieħa, dan ir-raħal kien għadu jagħmel parti mill-Parroċċa tan-Naxxar. Għalhekk, l-ewwel figuri li għandna huma tal-1851, meta fil-Mellieħa kien hawn jgħixu biss 675 persuna[i].

| Sena | 1901 | 1911 | 1921 | 1931 | 1948 |
|---|---|---|---|---|---|
| Popolazzjoni | 2,357 | 2,675 | 2,637 | 3,198 | 4,549 |
| Irġiel | 1,223 | 1,321 | 1,246 | 1,579 | 2,311 |
| Nisa | 1,134 | 1,354 | 1,391 | 1,619 | 2,238 |
| Densità kull km$^2$ | 103 | 116 | 115 | 139 | 199 |

Tabella 1. Popolazzjoni tal-Mèllieħa mill-1901 sal-1948.
Sors: Census 1957-The Maltese Islands (Malta 1960).

| Sena | 1957 | 1967 | 1985 | 1995 | 2005 | 2011 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Popolazzjoni | 4,299 | 4,279 | 4,388 | 6,221 | 7,676 | 8, 605 |
| Irġiel | 2,067 | 2,022 | 2,192 | 3,151 | 3,820 | 4, 276 |
| Nisa | 2,232 | 2,257 | 2,196 | 3,070 | 3,856 | 4, 329 |
| Densita kull km$^2$ | 188 | 187 | 192 | 272 | 339 | 380 |

Tabella 2. Popolazzjoni tal-Mellieħa mill-1957 sal-2011.
Sorsi: Malta Census 2005 (Malta 2005); Malta Census - Preliminary Report (2012).

Mill-1842 'il hawn il-popolazzjoni tal-Mellieħa bdiet tiżdied gradwalment, imma kien hemm perjodu fejn din naqset. Bejn iż-żmien ta' wara l-gwerra u s-sittinijiet, mill-1948 sal-1967[ii],il-popolazzjoni Melleħija naqset, konsegwenza tal-emigrazzjoni lejn pajjiżi barranin. Iżda wara 1985, il-Mellieħa rat żieda sostazjal li waslet biex il-popolazzjoni tirdoppja.

**Tibdil fil-Popolazzjoni 1985 – 2011**

Bejn l-1985 u l-1995 kien hemm żieda kbira ta' kważi elfejn persuna[iii]. Din iż-żieda seħħet meta l-Mellieħa saret aktar popolari bħala post residenzjali. L-ammont ta' nies kompla jikber bi kważi elf u erba' mitt ruħ bejn l-1995 u l-2005[iv]. Bejn l-2005 u l-2011 – perjodu ta sitt snin – kellna żieda ta disa' mija u disgħa u għoxrin persuna. F'sitta u għoxrin sena l-popolazzjoni tal-Mellieħa irdoppjat, minn 4,388 għal 8,605[v].

Qabel l-1985, il-Mellieħa ma kinitx xi post popolari bħala lok ta' residenza. Anzi,aktar kienet meqjusa bħala post maqtugħ minn kullimkien. Għalhekk, in-numru ta' residenti, kiber bil-mod.

Iż-żieda fil-popolazzjoni tal-Mellieħa, wara l-1985,ġrat minħabba diversi fatturi. Iż-żwieġ ma' persuni minn lokalitajiet oħra, li qabel kien meqjus mill-Melleħin bħala ħaġa mhux normali, sar aktar komuni u aċċettabbli. Fil-fatt, fl-1948, kien hawn 388 persuna li kienu jgħixu l-Mellieħa imma twieldu f'xi lokalità oħra f'Malta. Dan in-numru żdied għal 965 sal-1995[vi].

| Sena | 1985 | 1985-1995 | % | 1995 | 1995-2005 | % | 2005 | 2005-2011 | % | 2011 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Popolazzjoni | 4,388 | 1, 833 | 41.77 | 6,221 | 1, 455 | 23.39 | 7,676 | 929 | 12.10 | 8, 605 |
| Irġiel | 2,192 | 959 | 43.75 | 3,151 | 669 | 21.23 | 3,820 | 456 | 11.94 | 4, 276 |
| Nisa | 2,196 | 874 | 39.80 | 3,070 | 786 | 25.60 | 3,856 | 473 | 12.26 | 4, 329 |

Tabella 3: Żieda fil-popolazzjoni mill-1985 sal-2011.
Sorsi: Malta Census 2005 (Malta 2005); Malta Census - Prelimanary Report (2012).

Ħafna oħrajn iddeċidew li jibdew jgħixu fil-Mellieħa minħabba s-sbuħija u l-ambjent tal-post. L-iżvilupp tat-trasport privat, kif ukoll iż-żieda ta' faċilitajiet bħal ħwienet, għen ukoll biex il-Mellieħa ma tibqax meqjusa bħala post imwarrab minn kullimkien. L-iżvilupp tal-industrija tat-turiżmu, bl-opportunitajiet ta' xogħol li ġabet magħha, wasslet biex ħafna jsibu xogħol fil-Mellieħa stess u b'hekk naqqset id-distanza li wieħed ikollu jivvjaġġa biex imur jaqla' l-għixien tiegħu. B'hekk naqsu n-nies li jitilqu mill-Mellieħa biex isibu dar viċin il-post tax-xogħol tagħhom. L-ammont kbir ta' bini li tela' wkoll għen biex iżid in-nies fil-Mellieħa.



Emigranti u Barranin

Parti sew mill-popolazzjoni tal-Mellieħa hi magħmula minn emigranti, kif ukoll barranin, li jixtru xi proprjetà' u jibqgħu jgħixu hawn għalkollox.

| Sena | 1995 | 2005 |
|---|---|---|
| Popolazzjoni | 6221 | 7676 |
| Maltin | 5617 | 7055 |
| Ingliżi | 256 | 397 |
| Taljani | 9 | 9 |
| Franċiżi | 9 | 5 |
| Ġermaniżi | 11 | 32 |
| Membri oħra tal-Unjoni Ewropea (15/25) | 26 | 66 |
| Minn pajjiżi Ewropej oħra | 10 | 45 |
| Amerikani | 19 | 13 |
| Kanadiżi | 85 | 8 |
| Awstraljani | 144 | 10 |
| Libjani | 5 | 2 |
| Minn pajjiżi oħra | 30 | 32 |
| Dawk bla stat | - | 2 |
| Total ta' Barranin | 604 | 621 |

Tabella 4. Barranin li jgħixu fil-Mellieħa fl-1995 u fl-2005.
Sorsi: Malta Census 1995 (Malta Gov. Press 1997) u Malta Census 2005 ( Malta Gov. Press 2007).

| Emigranti li ġew lura - 1995 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Kanada | Awstralja | U.S.A | Renju Unit | Oħrajn | Total |
| 158 | 284 | 38 | 85 | 34 | 599 |

Tabella 5. Emigranti li ġew joqogħdu l-Mellieħa – 1995.
Sors: Malta Census 1995 (Malta Gov. Press 1997).

| Immigranti lejn Malta 2000-2005 | | | |
|---|---|---|---|
| | Irġiel | Nisa | Total |
| Mellieħa | 172 | 202 | 374 |

Tabella 6. Immigranti li ġew il-Mellieħa bejn is-sena 2000 u l-2005.
Sors: Malta Census 2005 (Malta Gov. Press 2007).

Fl-2005 kien hawn 621 barrani u 374 immigrant, li jagħmlu 12.96% tal-popolazzjoni tal-Mellieħai. (7)

**Età tal-Popolazzjoni**

L-età tal-popolazzjoni tal-Mellieħa rat bidliet kbar f'dawn l-aħħar mitt sena. Filwaqt li n-numru ta' nies fil-Mellieħa kompla jikber, naqas l-ammont ta' persuni ta'ċertu etajiet.




Graff 1. Perċentaġġi ta' etajiet differenti fil-Mellieħa bejn l-1948 u l-2005.

Sorsi :Eleventh Census of the Maltese Islands (Malta 1948); Census 1957 - The Maltese Islands (Malta1960); Malta Census1967 (Malta 1972); Malta Census 1985 (Malta Gov. Pres 1986); Malta Census 1995 (Malta Gov. Press 1997) u Malta Census 2005 ( Malta Gov. Press 2007).

Mill-1967 'il hawn, naqas bil-kbir l-ammont ta' nies minn 0 sa 19 -il sena; kiber sew dak ta' bejn l-20 u d-59 sena; filwaqt li qiegħed jiżdied l-ammont ta' dawk bejn is-60 u d-99 sena[i]. Iċ-ċensiment tas-sena 2011 juri li n-numru ta' persuni anzjani kompla jiżdied (Ara Tabella 8). Fis-sena 2005 in-numru ta persuni li jaqbżu s-sittin sena kien ta' 1,341, filwaqt li fis-sena 2011il-persuni fuq il ħamsa u sittin sena kienu aktar, b'total ta 1364.

| Età | 1948 | 1957 | 1967 | 1985 | 1995 | 2005 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 0-9 | 1351 | 1124 | 774 | 698 | 928 | 913 |
| 10-19 | 905 | 1032 | 1044 | 634 | 918 | 1043 |
| 20-29 | 645 | 479 | 647 | 720 | 824 | 1045 |
| 30-39 | 487 | 397 | 407 | 747 | 983 | 1077 |
| 40-49 | 453 | 421 | 390 | 564 | 962 | 1169 |
| 50-59 | 366 | 390 | 413 | 415 | 705 | 1088 |
| 60-69 | 188 | 294 | 364 | 317 | 492 | 808 |
| 70-79 | 118 | 108 | 192 | 214 | 279 | 404 |
| 80-89 | 31 | 42 | 43 | 74 | 122 | 114 |
| 90-99 | 1 | 3 | 5 | 5 | 10 | 15 |
| Popolazzjoni | 4549 (-4) | 4299 (-9) | 4279 (-5) | 4388 | 6221 (+2) | 7676 |

Tabella 7. Eta' tal-popolazzjoni tal-Mellieħa bejn 1948- 2005.
Sorsi: Eleventh Census of the Maltese Islands (Malta 1948) Census 1957 - The Maltese Islands (Malta1960); Malta Census1967 (Malta 1972); Malta Census 1985 (Malta Gov. Pres 1986); Malta Census 1995 (Malta Gov. Press 1997) u Malta Census 2005 ( Malta Gov. Press 2007).

| Età | 0-14 | 15-24 | 25-34 | 35-44 | 45-54 | 55-64 | 65+ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Snin tat-Twelid | 1998-2011 | 1988-1997 | 1978 - 1987 | 1968 - 1977 | 1958 - 1967 | 1948 - 1957 | 1947- | |
| Numri | 1, 368 | 1, 065 | 1, 130 | 1, 232 | 1, 260 | 1, 186 | 1, 364 | 8, 605 |
| % | 15.9 | 12.4 | 13.1 | 14.3 | 14.6 | 13.8 | 15.9 | 100 |

Tabela 8. Età tal-popolazzjoni tal-Mellieħa fis-sena 2011.
Sorsi: Census of Population and Housing 2011; Preliminary Report.

Dan seħħ minħabba ħafna raġunijiet. Ir-rata tat-twelid naqset permezz ta' aktar ippjanar tal-familja, kif ukoll minħabba l-effett ta' aktar edukazzjoni. Mill-banda l-oħra, l-iżvilupp fil-mediċina wassal biex in-nies jgħixu aktar.

**Età Medja**

Ta' min jinnota li filwaqt li l-età medja tal-popolazzjoni tal-Mellieħa, fl-1967, kienet ta' 30.1 snin, sal-2005, l-età medja telgħet għal 37.3 snin. L-età medja fl-2011 kompliet titla' għal 40.3 snin[ii]. Dan juri li l-età medja fil-Mellieħa, bħall-kumplament tal-gżejjer Maltin, qiegħda dejjem togħla. Imqabbla mal-età medja f'Malta, li hija ta 40.5 snin, dik tal-Mellieħa, hija qrib ħafna. Il-post li għandu l-iżgħar età medja f'Malta huwa Pembroke bi 33.5 snin, filwaqt li tas-Sliema huwa l-post li għandu l-ixjeħ popolazzjoni, fejn l-età' medja hija ta' 46.6 snin [iii].

**Il-Familji**

Il-familji Melleħin ukoll raw bidla kbira matul dawn l-aħħar ħamsin sena. Huma qegħdin isiru dejjem iċken. Fl-1967 kien hemm 191 familja li kellhom seba' persuni jew aktar[iv]. Ta' min jgħid li, dak iż-żmien, il-familji kien ikollhom ħafna iżjed tfal. Barra minn dan, kienet ħaġa aktar komuni li mal-ġenituri u t-tfal, wieħed kien isib in-nanniet jew xi zijiet jgħixu ġol-istess dar.

| Sena | 1967 | 1985 | 1995 | 2005 |
|---|---|---|---|---|
| Medja ta' Persuni f' kull familja. | 4.3 | 3.2 | 3.0 | 2.8 |

Tabella 9. Medja ta' persuni f' kull familja.



Sorsi:Malta Census 1967 (Malta 1972); Malta Census 1985 (Malta Gov. Pres 1986); Malta Census 1995 (Malta Gov. Press 1997) u Malta Census 2005 ( Malta Gov. Press 2007).

Mill-banda l-oħra, fl-2005, tnax-il persuna biss kienu jgħixu ġo familji ta' seba' persuni jew aktari. Barra li r-rata tat-twelid naqset, ftit baqa' familji fejn issib xi qraba tal-missier jew tal-omm jgħixu fl-istess dar. In-nuqqas ta' spazju fl-appartamenti moderni jista' jkun fattur ieħor li jżomm il-familji żgħar. Minkejja dan, il-qraba, speċjalment in-nanniet, xorta għadhom jagħmlu parti importanti mill-familja, anke jekk, xi drabi, dan ikun biss biex jieħdu ħsieb in-neputijiet waqt li l-omm u l-missier ikunu għax-xogħol.
Interessanti wkoll li n-numru ta' persuni li jgħixu waħedhom żdied. Filwaqt li fl-1967, 2.5% biss tal-popolazzjoni Melleħija kienet tgħix waħedhaii, (13) din telgħet għal 6.08% fl-2005. Minn 467 ruħ li kienu jgħixu għal rashom fl-2005, 256 jew 54.81% kellhom 'il fuq minn sittin senaiii. (14)

| Numru ta' Persuni fil-familja | Sena 1967 | Sena 1985 | Sena 1995 | Sena 2005 |
|---|---|---|---|---|
| 1 | 110 | 195 | 291 | 467 |
| 2 | 200 | 330 | 436 | 730 |
| 3 | 145 | 277 | 453 | 629 |
| 4 | 142 | 360 | 541 | 589 |
| 5 | 112 | 157 | 218 | 224 |
| 6 | 76 | 61 | 48 | 47 |
| 7 | 58 | 22 | 15 | 8 |
| 8 | 43 | 5 | 3 | 4 |
| 9 | 34 | 2 | 1 | 0 |
| 10+ | 56 | 2 | 0 | 0 |
| Total ta' Familji | 976 | 1,411 | 2007 | 2,698 |
| Popolazzjoni | 4,279 | 4,525 | 6,221 | 7,676 |

Tabella 10. Numru ta' persuni fil-Familji Melleħin.
Sorsi: Malta Census1967 (Malta 1972); Malta Census 1985 (Malta Gov. Pres 1986); Malta Census 1995 (Malta Gov. Press 1997) u Malta Census 2005 ( Malta Gov. Press 2007).

F'dan l-artiklu tajna titwila lejnl-iżviluppi fil-popolazzjoni, fl-etajiet, barranin li ġew joqgħodu l-Mellieħa, u l-iżvilupp fil-familji tal-Mellieħa, mill-aħħar seklu sa llum. Rajna li l-Mellieħa, minn raħal żgħir ta'bdiewa u sajjieda fil-bidu tas-seklu għoxrin, żviluppat f'post residenzjali, kif ukoll f'ċentru ta' turiżmu li jiġġenera ħafna xogħol u servizzi. Minn dan l-istudju wieħed jista' wkoll jagħmel pjanijiet dwar il-futur tar-raħal; pereżempju jekk inħarsu lejn għoxrin sena oħra, x'ħa jkun in-numru ta' nies ta' mezza etàu x'se jkunu l-bżonnijiet ta' rekreazzjoni tagħhom? U n-numru tal-anzjani se jkompli jiżdied? X' hemm bżonn inbiddlu għall-ħtiġijiet tal-poplu Mellieħi tal-futur? Dan l-istudju wkoll jurina ftit mill-għeruq tal-poplu Mellieħi u 'l fejn miexja l-Mellieħa fis-seklu wieħed u għoxrin.

Referenzi

Muscat J. (1975) 'Il-Popolazzjoni tal-Malliaħa 1842-1974', fil-Malliaħa Nm 151, Jan 1975, Direzzjoni Il-Mallieħa
Central Office of Statistics (1997), Census 1995 Malta, Gov. Press
National Office of Statistics (2007), Census 2005 Malta, Gov. Press
Census of Population and Housing 2011; Preliminary Report. Pub 03/10/2012
Eleventh Census of the Maltese Islands (Malta 1948)
National Office of Statistics (2007), op.cit
Central Office of Statistics (1997) op.cit
Census of Population and Housing 2011 op.cit
Census of Population and Housing 2011 op.cit
National Office of Statistics (2007), op.cit
Malta Census 1967 (Malta 1972)
Malta Census 1967 op.cit`
Malta Census 1967 op.cit
National Office of Statistics (2007), op.cit